



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1908/2009, imressqa minn Rudi Clemens, ta' nazzjonalità Ġermaniża, f'isem in-netwerk 'Gesunde-Bauarbeit', dwar il-falliment tal-Ġermanja biex tinforza d-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/392/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatata mal-makkinarju u d-Direttiva tal-Kunsill 91/368/KEE li temenda d-Direttiva 89/392/KEE**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jirreferi għan-numru kbir ta' inċidenti industrijali fatali li jseħħu fil-Ġermanja, li huwa jattribwixxi għall-falliment tal-awtoritajiet Ġermaniżi biex jinfurzaw id-Direttiva tal-Kunsill 89/392/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatata mal-makkinarju u d-Direttiva tal-Kunsill 91/368/KEE li temenda d-Direttiva 89/392/KEE. Il-petizzjonant jenfasizza, b'mod partikolari, li d-dispożizzjonijiet tal-Anness 1 tad-Direttiva rigward ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza relatati mad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u l-komponenti ta' sikurezza, la huma rispettati mill-kumpaniji tad-disinn u lanqas mill-awtoritajiet responsabbli, u għalhekk huwa jitlob lill-Parlament Ewropew biex jeżamina din l-kwistjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-30 ta' Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Id-Direttiva relatata mal-makkinarju li għaliha qed jirreferi l-petizzjonant issa ġiet issostitwita

mid-Direttiva 2006/42/KE¹. Madankollu, ir-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza li għalih qed jirreferi l-petizzjonant, li jirrigwarda l-viżibilità mill-pożizzjoni tas-sewqan ta' makkinarju mobbli, ma nbidilx.

“3.2.1. Pożizzjoni tas-sewqan

Il-viżibilità mill-pożizzjoni tas-sewqan għandha tkun tali li x-xufier ikun jista' jħaddem il-makkinarju u l-għodda tiegħu fil-kondizzjonijiet tal-użu maħsub għalih fis-sigurtà kollha għalih innifsu u għall-persuni esposti. Fejn meħtieġ, għandhom jiġu pprovduti mezzi xierqa biex jirrimedjaw ir-riskji minħabba l-viżjoni diretta inadegwata.”

L-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza tad-Direttiva tal-Makkinarju huma mandatorji. Madankollu, l-applikazzjoni Prattika tagħhom tiddependi bil-bosta mill-kwalità tal-istandards armonizzati Ewropej, li jipprovdu speċifikazzjonijiet tekniċi li jagħtu l-preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti. L-istandards armonizzati rilevanti jinkludu, b'mod partikolari, is-serje EN 474 ta' standards għall-apparat li jwarrab il-materjal. Fir-rigward tal-viżibilità mill-pożizzjoni tas-sewqan, l-istandard EN 474-1 jirreferi għall-metodu ta' eżami u għall-kriterji tal-aċċettazzjoni kif stipulati fl-Istandard Internazzjonali ISO 5006.

Fl-2003, wara bosta inċidenti fatali, l-awtoritajiet tar-Renju Unit infurmaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar l-inadegwatezza tal-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard EN 474-1 fir-rigward tal-viżibilità mill-pożizzjoni tas-sewqan. L-Istati Membri u l-Kummissjoni segwew din il-kwestjoni matul bosta laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Makkinarju li seħħew bejn l-2003 u l-2005.

Fl-2006, wara diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Tekniku 151 tas-CEN u l-Kumitat Tekniku 127 tal-ISO, l-ispeċifikazzjonijiet tal-istandard ISO 5006² ttejbu sostanzjalment. Il-klawżola 5.8.1 tal-aħħar verżjoni tal-istandard EN 474-1³ issa qed tirreferi għal dawn l-ispeċifikazzjonijiet imtejba. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija sodisfatta bil-fatt li l-istandards armonizzati Ewropej issa qed jirriflettu l-livell ta' teknoloġija kurrenti fir-rigward tal-viżibilità mill-pożizzjoni tas-sewqan.

Jista' jkun li għad hemm problemi bil-makkinarju għall-kostruzzjoni mfassal skont verżjonijiet preċedenti tal-istandard armonizzat Ewropew. F'dan il-każ, l-utenti għandhom jieħdu miżuri protettivi kumplimentari, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-użu tat-tagħmir tax-xogħol li jimplementaw id-Direttiva 2009/104/KE.⁴

¹ Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (tfassil mill-ġdid) – ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

² ISO 5006:2006, *Apparat li jwarrab il-materjal — L-ispazju tal-viżjoni tal-operatur — Metodu ta' eżami u kriterji tal-aċċettazzjoni.*

³ EN 474-1:2006+A1:2009, *Apparat li jwarrab il-materjal – Sikurezza – Parti 1: Rekwiżiti ġenerali.*

⁴ Direttiva 2009/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi ta' sikurezza u ta' saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (verżjoni kodifikata) – ĠU L 260, 3.10.2009, p. 5.

B'żieda ma' dan, id-Direttiva 92/57/KEE¹ tinkludi dispożizzjonijiet għat-titjib tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema f'postijiet ta' kostruzzjoni. Titlob, pereżempju, l-organizzazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-makkinarju għall-kostruzzjoni fil-postijiet ta' kostruzzjoni u s-separazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-persuni mixjin minn dik tal-makkinarju mobbli. Fir-rigward tas-siti fejn ikunu preżenti aktar minn kuntrattur wieħed, titlob ukoll il-ħatra ta' koordinatur jew koordinaturi, li għandhom ikunu involuti kemm fit-tnejn kif ukoll fil-fażijiet tat-tweġiq tal-proġett. Dan il-koordinatur jew dawn il-koordinaturi għandhom il-kompitu li jgħinu fl-organizzazzjoni tax-xogħol fil-post ta' kostruzzjoni, billi jieħdu inkonsiderazzjoni l-kumpaniji preżenti fuq is-siti u l-attivitajiet li ħafna drabi qed jitwettqu simultanjament, bil-għan li jittejjbu s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni ma rċevietx provi li juru li l-awtoritajiet Ġermaniżi qed jonqsu li jinfurzaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Makkinarju. Jidher li l-problemi relatati mal-viżibilità mill-makkinarju għall-kostruzzjoni, li qajjem il-petizzjonant, jirriżultaw minn nuqqasijiet fl-istandards armonizzati Ewropej rilevanti. Dawn in-nuqqasijiet issa ġew irrimedjati bis-saħħa tal-koperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, u l-korpi rilevanti tal-istandardizzazzjoni.

¹ Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati f'postijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (it-tmien Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – ĠU L 245, 26.8.1992, p. 6.